MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 333/2002

Il-Pulizija
(Spettur illum Supretendent Norbert Ciappara)

vs

Romould Casha

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 483745(M) akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta’ Lulju 2001 u s-sena ta’ qabel, gos-Seaport, u fi bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti importa, gieghel li tigi importata, jew ghamel xi haga sabiex tista tigi importata medicina perikoluza f’dawn il-gzejjer hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, liema droga mhux ghal uzu personali tieghu ;

2. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (folio 8) sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu bis-sahha tal-Artikolu 22 sub-artikolu 2, tal-Kap 101 u l-kontr'ordni (folio 319) sabiex jigi ggudikat quddiem din il-Qorti ;

Semghet u ezaminat ix-xhieda kollha li tressqet;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

l-Artikoli rilevanti tal-Kap 101, fid-dawl tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, huma s-seba' u t-tmienja sub-incis(d), li jipprojbixxu l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-garr jew il-pussess f'Malta tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis.

Issa l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma li fis-snin 2000 u 2001, l-imputat, tramite socjeta' li fiha kien direttur u azzjonista maggoritarju, jisimha 'Roger's Limited', kien importa zerriegha tal-ghasafar li, mhux kontestat, ikollha fiha zerriegha tal-qanneb. Fil-fatt hija prassi tad-Dwana li qabel ma tigi rillaxxjata z-zerriegha, kampjun taghha, jintbaghat lill-Forensika biex tigi ezaminata mill-aspett tal-kontenut fiha tal-qanneb propjru biex jigi annalizzat jekk tkunx iggerminat jew jekk altrimenti tkunx giet trattata b'irradjazzjoni b'hekk li allura jkun twaqqaf il-process ta' germinazzjoni. F'kaz li dan ma jkunx okkorra, jigifieri li z-zerriegha tkun germinat, jinzamm ir-rilaxx taghha.

Fil-kaz in disamina l-importazzjoni taz-zerriegha da parti tal-imputat tidher haga certa. Apparti dan però m'hemm xejn cert, fis-sens ta' provi, li jistghu iwasslu biex tinstab reita' fl-imputat. Jonqos, per ezempju fattur li fil-fehma ta' din il-Qorti hu krucjali, ossija l-'corpus delicti' jigifieri z-zerriegha meritu l-importazzjoni. Tabilhaqq, ukoll, kellha l-prosekuzzjoni torbot tali zerriegha importata, u sostnut minnha li kienet tikkontjeni zerriegha tal-qanneb kapaci li tiggermina u tikber f'pjanta tal-cannabis, ma' dik iz-zerriegha importata mill-imputat. Mhux biss izda wkoll li proprju z-zerriegha impurtata mill-imputat kienet tikkontjeni zerriegha tal-qaneb kapaci li tiggermina f'pjanta tal-cannabis. Dan certament il-prosekuzzjoni ma tistax tippretendi li ghamlet il-prova sempliciment fuq ix-xhieda ta' Dottor Abela Medici li apparti li kien xhud "ex parte" imkien korroborat b'xhieda ohra, lanqas ma tissusisti l-prova tal-kollegament ta' dik iz-zerriegha ezaminata forensikament ma' dik importata mill-imputat ukoll. U dan kollu minghajr li l-Qorti tindaga 'il-mens rea' tal-imputat.

Fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti hi tal-fehma li jkun inutili ghaliha li tiddilunga u tiddibatti aktar il-kaz in vista tan-nuqqas palesi ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha.

Konsegwentement, taqta u tiddeciedi li ma ssibx htija u tillibera l-imputat minn kull htija u piena.

Ghal kull bon fini, u dan qed jinghad stante li z-zerriegha tidher li ma tezistix aktar, qeghda tordna d-distruzzjoni taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------